# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' April 2017**

**Numru 12**

**Citazzjoni Numru 466/16**

**Avukat Dr Edward Debono kif debitament awtorizzat bhala Mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` BNP Paribas (Suisse) SA ta' Boulevard de la Tour 8, 1205 Geneve, Svizzera**

**v.**

**Jean Pierre sive Jean Borg**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Jean Pierre Borg ipprezentat fl-4 ta' Novembru 2016 li permezz tieghu huwa talab li l-esekuzzjoni tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru 2016 u li minnha giet intavolata talba ghal smiegh gdid minnha, tigi sospiza sakemm tigi deciza din l-ahhar talba. Dr Debono nomine qed jopponi u indika l-Artikolu 269 tal-Kap. 12 li jghid li ma

tistax tigi sospiza l-esekuzzjoni ta' sentenza li tkun awtorizzat hija stess esekuzzjoni ta' sentenza.

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma dawn; l-imsemmi Dr Debono fil-kwalita` tieghu hemm premessa, talab li tigi esegwita sentenza ta' Qorti estera (Svizzera ghall-precizjoni) li giet akkolta mill-Prim'Awla u wara li sar appell din il-Qorti ikkonfermat dik is-sentenza b'tibdil marginali fis-sens li l-imghax kellu jkun ta' 8 fil-mija. Kif inghad Jean Pierre Borg talab smiegh mill-gdid u issa qed jitlob li sakemm tigi deciza dik it-talba tieghu, is-sentenza ta' din il-Qorti ma tigix esegwita.

Il-provvedimenti rilevanti ghal talba bhal dik odjerna huma dawn;

> "*823.(1) It-talba għar-ritrattazzjoni ma twaqqafx l-esekuzzjoni tas-sentenza sentenza attakkata.*
>
> "*(2) B'dak kollu li hemm fid-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), il-qorti li quddiemha tintalab ritrattazzjoni tista', ad istanza, b'rikors kemm quddiem il-Qorti tal-Appell kemm quddiem il-qorti tal-ewwel grad, tal-parti li tagħmel dik it-talba, tordna t-twaqqif ta' esekuzzjoni tas-sentenza jekk –*
>
> "*(a) flimkien mat-talba tagħha dik il-parti tagħti garanzija tajba għall-esekuzzjoni tas-sentenza, jekk ma tiġix imħassra, magħduda dik il-garanzija kif imsemmija fl-Artikolu 266(10); u*
>
> "*(b) jiġi muri għas-sodisfazzjon tal-qorti illi l-esekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaġuna preġudizzju akbar lil dik il-parti milli t-twaqqif tal-esekuzzjoni tkun tikkaġuna lill-parti kuntrarja.*
>
> "*(3) Il-garanzija msemmija fis-subartikolu (2)(a), meta tingħata, għandha fil-każijiet kollha taħdem bħala twaqqif ta' esekuzzjoni ta' sentenza li tordna l-arrest jew priġunerija tad-debitur.*

> “*(4) Il-preżentata tar-rikors li jkun fih it-talba għat-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata ma għandhiex taħdem bħala twaqqif ta’ esekuzzjoni ta’ dik is-sentenza kemm-il darba, wara rikors f’dak is-sens, il-qorti ma tordnax għal raġuni tajba dak it-twaqqif ta’ esekuzzjoni.*
>
> “*(5) Meta l-esekuzzjoni ta’ sentenza tkun ġiet awtorizzata bis-sentenza attakkata ma għandhomx japplikaw id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (2), (3) u (4).*
>
> “*(6) Appell minn sentenza li tiċħad it-talba għat-twaqqif ta’ esekuzzjoni tas-sentenza attakkata ma għandu f’ebda każ jaħdem bħala twaqqif tal-esekuzzjoni ta’ din l-aħħar sentenza.*”

F’dan il-kaz, kif jidher mill-atti imsemmja Jean Pierre Borg qed jitlob is-sospenzjoni ta’ sentenza li awtorizzat esekuzzjoni ta’ sentenza estera. Ghalhekk japplika s-sub-inciz (5) li jghid li s-sub-incizi precedenti (2, 3 u 4) **ma japplikawx** - peress li l-ligi ma tiddistingwix bejn sentenzi moghtija minn tribunal estera (u allura l-esekuzzjoni taghha konfermata mill-Qrati taghna) u sentenza moghtija minn Qorti taghna. Ladarba kif inghad, il-ligi ma taghmel ebda distinzjoni, il-Qorti ma tistax taghmilha hi – ***ubi lex non distinguit, nec nos distinguere debemus.***

Kwindi f’dan il-kaz, mill-artikolu japplika biss s-sub-inciz (1) li jistipula li t-talba ghal ritrattazzjoni ma twaqqafx l-esekuzzjoni tas-sentenza li giet awtorizzata appuntu l-esekuzzjoni taghha. Stabbilit dan il-Qorti ma tistax tidhol fi kwistjonijiet li normalment tidhol fihom f’cirkostanzi simili bhal per ezempju liema mill-partijiet se tkun se ssofri l-akbar pregudizzju bis-sospensjoni tal-esekuzzjoni relattiva.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tiddisponi mir-rikors billi tichdu. L-ispejjez relattivi a kariku tar-rikorrenti Jean Pierre Borg.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df